MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta ta' l-14 ta' Frar, 2005

Numru 836/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Angelo Gafa)**

**vs.**

**Alfred Tonna**

**Illum 14 ta' Frar, 2005**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Alfred Tonna ta' 35 sena, bin Alfred u Carmen nee` Cachia, imwieled Siggiewi fit-2 ta' Dicembru 1968, f'34, Triq l-Isqof Mauro Caruana, Floriana, u detentur tal-karta ta' l-identita` bin-numru 2369(M) gie akkuzat:

Talli fl-10 ta' Awissu 2004 fl-Ghassa tal-Pulizija ta' Tas-Sliema iddenunzja lill-Pulizija Esekuttiva reat li jaf li ma sarx, inkella bil-qerq holoq it-tracci ta' reat b'mod li jistghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar;

Talli fil-25 ta' Awissu 2004 fir-residenza tieghu sitwata f'numru 34, Triq l-Isqof Mauro Caruana, Floriana, xjentement issoprima t-tracci jew l-indizji ta' reat.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok AG3 u nnutat li l-imputat m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fis-Seduta ta' llum l-imputat ammetta l-akkuzi migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat rega' wiegeb li hu hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta ta' llum l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Angelo Gafa iddikjara li l-imputat ikkopera mal-pulizija.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 110 (2) u 111 (2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Alfred Tonna, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza u li fil-Verbal tas-Seduta ta' llum l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Angelo Gafa iddikjara li l-imputat ikkopera mal-pulizija u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imputat Alfred Tonna ghall-piena komplessiva ta' sena prigunerija u tordna li din is-sentenza in kwantu ghall-piena ta' prigunerija ma ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta' sentejn (2) mil-lum l-imputat Alfred Tonna jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Inoltre l-Qorti a tenur tal-artikolu 109 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta qeghda timponi fuq l-imputat Alfred Tonna interdizzjoni generali, kif ukoll interdizzjoni milli l-istess imputat jservi bhala xhud, hlief quddiem il-qrati tal-gustizzja u bhala perit, f'kull kaz li jkun, u dan ghal zmien hames (5) snin mil-lum.

In kwantu ghat-talba tal-Prosekuzzjoni li f'kas ta' htija il-Qorti tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, peress li l-Qorti rat li ma jirrizultax li gew inkorsi spejjez a tenur tal-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta f'din il-kawza, tichad it-talba.

Inoltre il-Qorti qed taghti lill-imputat Alfred Tonna l-ispjegazzjoni preskritta fl-artikolu 28A(4) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Finalment fid-dawl tal-applikazzjoni tal-artikolu 109 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta il-Qorti tordna li kopja vera ta' din is-sentenza ghandha tigi tramessa a kura tad-Deputat Registratur ta' din l-Awla lir-Registratur tal-Qrati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------